# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 27 ta' Novembru tas-sena 2001.**

**Numru   32**

**Avviz  numru   695/99/SM**

**Ballut Blocks Limited**

**vs**

**Karmig Trading Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat l-14 ta' Mejju ta' l-1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija u disgha u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu (LM529.38,0), rapprezentanti l-bilanc ta' prezz ta' diversi konsenji ta' konkos lilha mibjugha u konsenjati mis-socejta' attrici;**

**2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-25 ta' Settembru, 1997 tat-8 ta' Jannar 1998 u tal-ittra ufficjali tas-27 t'April, 1998, oltre ghall-imghaxijiet legali sal-jum tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata l-21 ta' Marzu 1999 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi l-ammont fic-citazzjoni mhux dovut, u dan peress illi l-ammont attwalment dovut hu fis-somma ta' Lm92.66,0, liema somma giet offerta lis-socjeta' attrici a saldu izda din irrifjutat il-hlas;**

**2. Salvi eccezzjonijiet ohra;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tas-socjeta' attriic, dak tas-socjeta' konvenuta ghazel li ma jidhirx fl-udjenza rizervata ghat-trattazzjoni tieghu minghajr ma jressaq ebda raguni valida fil-ligi ghal dan;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi s-socjeta' attrici forniet lis-socjeta' konvenuta b' "ready-mix";**

**2. Illi nonostante li bghatet diversi "statement of account" lis-socjeta' konvenuta, is-socjeta' attrici baqghet ma thalsitx;**

**3. Illi s-socjeta' konvenuta tikkontendi li hi ordnat "ready-mix" ta' grad 20 filwaqt li minflok inghatat dak ta' grad 25;**

**4. Illi da parti taghha s-socjeta' attrici issostni tramite l-persuna inkarigata mil-ordnijiet li s-socjeta' konvenuta, ghalkemm kienet generalment tordna dak ta' grad 20, fil-kazijiet meritu ta' dan il-kaz effettivament ordnat specifikament dak ta' grad 25; (ara fol 109);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jirrizulta li min hu tal-mistier li jinduna bid-differenza bejn grad u iehor;**

**Illi ghalhekk kieku s-socjeta' konvenuta kienet in bona fede kienet tigbed l-attenzjoni ta' kwalunkwe diskrepanza immedjatament u mhux tutilizza l-ordni u taghmel ir-reklam taghha wara hafna zmien;**

**Ghaldaqstant in vista tal-premess din il-qorti filwaqt li tirrespingi l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta Karmig Trading Limited biex thallas lis-socjeta' attrici Ballut Blocks Limited is-somma ta' hames mija u disa' u ghoxrin Lira Maltin u tmienja u tletin centezmu, (Lm529.38,0), bl-ispejjez u imghaxijiet skond il-ligi.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**